**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Jannar 2021**

Rikors Numru: 347/20 AL

A B

vs

C D

(M.R. Nru. 557/2011)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-4 ta' Ġunju 2011 (Ara Dok A anness) u minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx ulied.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Henry Saydon mill-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) (Ara Dok B anness)

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata stante illi minbarra ilhom aktar minn erba snin mifrudin u illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin, ir-rikorrenti llum fforma rabta ma' persuna oħra;

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante illi ai termini ta' klawsola 5 tal-kuntratt anness l-partijiet kienu irrinunzjaw reċiprokament għall-manteniment mingħand xulxin.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru 2020;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twieġeb li m'ghandha ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati sa mill-15 ta' Settembru, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.